**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

***Kumpilazzjoni Nru.1353/2010***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**-vs-**
**Ian Ciantar detentur tal-Karta tal-Identità numru 20276M**

Illum, **24 ta' Ġunju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Ian Ciantar** u ċioe` talli:

> Fl-4 ta' Ġunju 2010 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, taha jew ftiehem li jagħti jew offra jew ippropona lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi *player* u cioe' lil Ian Azzopardi *player* ma Sliema Wanderers Football Club biex tħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ dan l-att, ikun għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew tonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ai termini tal-artikoli 3(3) u 9 tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-14 ta' Marzu, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

## Il-Provi

**Dr. Adrian Camilleri**, in rappreżentanza tal-Malta Football Association (MFA) ippreżenta l-file li jirrigwarda l-proċess tal-Bord tal-Investigazzjoni u ta' Allegazzjonijiet ta' Korruzzjoni rigward Ian Ciantar.[1] Fil-kors tal-proċediment odjern issir riferenza għat-testimonjanza ta' diversi xiehda tul dak il-proċess, liema proċess kien jirrigwarda logħba bejn Qormi FC u Sliema Wanderers li ntlagħbet nhar l-1 ta' Ġunju, 2010.[2] Ġaladarba ix-xiehda jikkonfermaw dak li qed jiġi moqri u jiġi riferut lilhom, dik ix-xiehda mogħtija quddiem il-Bord hi ammissibbli bħala prova fil-każ odjern.

**L-Ispettur Maurice Curmi,** spjega li fl-4 ta' Ġunju 2010, il-President tal-football club ta' Sliema Wanderers, Steve Abela, għamel rapport fejn allega li l-imputat Ian Ciantar, *player* mal-club, avviċina lil Ian Azzopardi, *player* ieħor mal-istess club, u offrielu xi flus sabiex fil-logħba li kienet ġejja kontra Qormi FC iħalli lill-iskwadra l-oħra tirbaħ. Jispjega li Azzopardi ma kienx aċċetta l-flus u għalhekk kien sar ir-rapport. Hu bagħat ghal Azzopardi u dan kien spjegalu li <u>madwar jumejn qabel il-logħba</u>, huwa kien ġie avviċinat mill-imputat li offrielu elf lira Maltin iżda irrifjuta. Semmielu kif fl-istess żminijiet kienu għaddejjin xnigħat dwar korruzjoni u li hu kien ġie mitkellem minn membru tal-kumitat tal-Football u wara qalilhom b'dak li sehh.[3]

Curmi kompla li fil-5 ta' Ġunju, 2010, bagħat għall-imputat li ċaħad kategorikament l-allegazzjonijiet li għamel Azzopardi. Fi stqarrija oħra meħuda nhar is-16 ta' Ġunju 2010, Ciantar stqarr mal-pulizija li kull meta Sliema lagħbu ma Qormi tilfu w telfa f-aħħar logħba kienet ser ttellef dħul lil Club. Ciantar issokta jistqarr li nhar it-8 ta' Ġunju, 2010, Azzopardi talab jiltaqa' miegħu. Iltaqgħu Baystreet fejn Ciantar kien qed jagħmel *deliveries* u Azzopardi qallu li kien ġie sfurzat mill-kumitat jagħmel ir-rapport mal-pulizija. Curmi

[1] **Dok.AC** a fol.142 et seq.
[2] Fol.145
[3] Fol.53-54

**jikkonferma li Azzopardi qal li ried jiltaqa' ma Ciantar biex jgħidlu li ġie mġiegħel jagħmel ir-rapport kontrih**.[4] L-ispettur kkonferma ukoll li huwa kien ċċekkja l-*statements* tal-kontijiet bankarji tal-imputat li ma rriżultaw xejn suspettuż.[5]

**Ian Azzopardi**, spjega li f' Mejju, 2010, meta kien *player* tal-football mal-club ta' tas-Sliema u kienu fit-*training grounds* tal-Melita FC, avviċinah l-imputat, *player* ma Sliema wkoll, u offrielu elf lira Maltin (Lm 1,000) sabiex ma jilgħabx sew fil-logħba *decider* li Sliema kien ser ikollhom ma Qormi, *"huwa kull ma qalli 'isma għandek LM1,000, teħodhom?' għedtlu 'le ma rridx'"*[6]. Azzopardi informa b'dan lil kumitat tas-Sliema u ġie deċiż isir rapport mal-Pulizija. Mistoqsi mill-Qorti dwar x'ried minnu, għalkemm issemmi li dawn il-flus kienu sabiex ma jagħmilx dmiru sew fil-*ground*, jiddikjara ***"Le ma qalli xejn"***[7] u jżid kif fil-*ground* kienu waħedhom *"fil-ground jiena u hu biss konna"*.[8] Ciantar kompla jgħidlu li din kienet xi logħba mill-club. F'dik il-logħba Sliema rebħu 2-0.[9]

In kontro eżami semma kif id-diskors biex "jinxtara" sar xi **jumejn qabel il-logħba** w ikkonferma li ġimgħa qabel il-logħba wissew lilll-*players* kollha li setgħa kien hemm wħud li ġew avviċinati biex jinxtraw filwaqt li lilu kellmu l-President u qallu *"wegħdni illi kif tiġi avviċinat, qis li tgħidli u għidtlu 'allright'"*.[10] Innega li l-club kienu kkonfrontawh li hu u *player* iehor Steve Agius *"'inthom kontu inxtrajtu'"*[11] iżda jammetti li kienu qalulu li *"'ismek qed jissemma'"*. Meta Ciantar kellmu kienu fit-*training grounds* waħedhom xi kwarta qabel ma beda t-*training*,[12] la kien hemm *coach*, la *trainer* u l-*players* ħarġu warajhom. Azzopardi jikkwota lil Ciantar jgħidlu *"'isma għandek LM1,000, x'se tagħmel se toħodhom?' għedtlu 'le mhux se noħodhom'"*. Riprodott, jixhed li Ciantar jtenni li *"kont informajt lill-Coach tiegħi u l-President tal-Club"*.[13] Azzopardi jikkonferma wkoll li Ciantar ma kienx semmielu min kien ser iħallas l-elf Lira Maltin, *"Le ma semmilix nies"*.[14]

Semma kif il-*players* tlaqqaw mill-President flimkien fejn dan kien għarrafhom li kien hemm wħud minnhom li ġew avviċinati biex jinxtraw u li kien ser

---

[4] Fol.55
[5] Fol.58
[6] Fol.11-15
[7] Fol.14
[8] Fol.15
[9] Fol.16
[10] Fol.17
[11] Ibid.
[12] Fol.18
[13] Fol.73
[14] Fol.74

ikellem lil dawn individwalment. Hu kien wieħed minn dawk li ġie mitkellem. L-ewwel darba li tkellem mal-President fuq xiri ta' *players* kien ġimgħa qabel il-logħba meta l-President wissieh li jekk xi hadd javviċinah jinformah jew lil *coach*.[15] Jinsisti li ġie avviċinat ***"Jumejn, tlett ijiem qabel il-partita".***[16] Meta kellmu Ciantar qal b'kollox lil *coach* u qabblu li għandu jiġi infurmat il-President Abela li beda jgħidlu li kellu informazzjoni li hu, Azzopardi, aċċetta li jinxtara.[17] Għal bidu ma indikahx lil Ciantar iżda meta l-President baqa' jinsisti li hu nxtara, qallu li kien Ciantar biex ineħħi kull dubbju minn fuqu. Kien għalhekk li wara li irrapporta lil Ciantar mal-club, ċempillu biex jinfurmah li sar rapport lill-pulizija.

Mitlub jispjega għaliex kien biss issa li semma li Ciantar qallu kliem fis-sens li ma kienx ser jammetti, fejn hu qal lil Ciantar *"kelma tiegħek kontra l-kelma tiegħi"*, meta fix-xiehda preċedenti tiegħu quddiem il-Qorti, mal-Pulizija u quddiem il-*Board* qatt ma semma xejn minn dan, insista li l-kliem minn Ciantar f'dan is-sens tassew intqal minn Ciantar.[18]

**Steve Abela,** ex-president tal-Club ta' Tas-Sliema, spjega li qabel partita importanti għall-Club, Ian Azzopardi infurmah li kien ġie avviċinat minn Ian Ciantar *"Biex ibiegħ il-logħba li kellha ssir dakinhar stess"*.[19] Meta tkellem ma Azzopardi kien hemm is-segretarju ta' dak iż-żmien Dr. Clifton Grima li tah parir jgħaddi r-rapport lil Malta Football Association u kif ukoll mal-Pulizija.[20] Riprodott in kontro-eżami spjega kif dakinhar li kellha tintlagħab il-logħba kontra Qormi, il-*coach* Marlow talbu jitla b'mod urġenti Bugibba fil-lukanda fejn kien hemm il-*players* peress li ried ikellmu fuq xi haġa importanti li kienet għada kemm ġrat. Jgħid li huwa kien iltaqa' ma' Azzopardi fil-presenza ta' membri oħra tal-kumitat u dan qallu li kien avviċinah Ian Ciantar u offrielu somma flus sabiex ibigħ il-logħba.[21]

Ix-xhud jispjega li lejliet il-logħba saret laqgħa fejn il-*players* ġew mwissija dwar korruzzjoni u dan sar sabiex idaħħlu fil-*players* ċertu biża biex ma jinvolvux ruħhom f'affarijiet li mhux suppost isiru. Għalhekk kienu staqsewhom jekk kienux ġew offruti xi flejjes sabiex ibiegħu l-logħba. Azzopardi u Agius ġew mitkellma waħedhom wara dik il-laqgħa, wara l-ikla ta' filgħaxija.[22] Fix-xiehda li taha quddiem il-Bord ta Dixxiplina jsemmi li kienet ġa saret diskorsata ma

---

[15] Fol.81
[16] Fol.82
[17] Ibid.
[18] Fol.85-87
[19] Fol.47
[20] Fol.50
[21] Fol.270-271
[22] Fol.274-275

Azzopardi *"Dan kien xi ġimgħa qabel il-logħba u assigurana li hadd ma kien avviċinah"*.[23] Qabel qal ukoll *"Matul il-ġimgħa qabel il-logħba għandi ngħid li jien kont preżenti laqgħa li kien għamel il-kowċ mal-plejers"*.[24]

Lejliet il-logħba kien tkellem ma Azzopardi li qal li ġie avviċinat minn persuna sabiex ibigħ il-logħba iżda ma riedx jiżvela ismijiet. L-għada però xi 2pm intalab jmur il-lukanda Bugibba fejn Azzopardi quddiem Marlow semma lil Ciantar.[25]

**Mark Marlow** spjega li f'Ġunju, 2010, meta serva ta' *coach* ta' Sliema, kien hemm logħba *decider* ma Qormi li kienet ser tiddetermina min ser jikkompeti fl-Ewropa. Dakinhar tal-logħba, filgħodu wara l-*breakfast,* waqt li kienu qegħdin ġewwa hotel f'Bugibba, mar fuqu Ian Azzopardi u qallu li xtaq ikellmu. Wara hu informa lil President tal-club b'dak li qallu Azzopardi.[26] Ftakar li l-President Abela kien kellem lil Azzopardi wara *team talk* fil-lukanda Meridien dwar jekk ġiex avviċinat minn xi ħadd biex jixxaħħam iżda Azzopardi innega li kellmu xi ħadd.[27] Ġurnata qabel il-logħba li kellha tintlagħab fl-<u>1 ta' Ġunju</u>, kif spiċċa t-*training* mar fuqu Ian Azzopardi u għarrfu li ried ikellmu w hu qallu biex jitkellmu meta jaslu l-lukanda f'Bugibba fejn it-team kellu jinġabar għal qabel il-logħba. Qabel ma daħlu l-lukanda Azzopardi sabu waħdu w qallu li *"lili ġew ikellmuni"* iżda **ma semma l-ħadd b'ismu**.[28] <u>Wara</u> li kien hemm laqgħa mat-*team*, fil-presenza tal-President Abela u membru iehor tal-kumitat Ivan Calleja, tkellmu ma Azzopardi go vettura fejn staqsewħ minn kien kellmu u dan wieġeb li **ma setgħax jiżvela ismu magħhom**. Wara li sellmu lil Azzopardi mar passiġġata u x'ħin daħal lura il-lukanda mar fuqu Azzopardi li qallu li kien Ciantar li avviċinah. Meta rritornaw l-President u Calleja wara li hu stess cemplilhom biex jirritornaw il-lukanda, Azzopardi ikkonferma li kien Ciantar li kellmu.[29]

**Ivan Calleja** ikkonferma ix-xiehda li kien taha quddiem il-*Board* tal-MFA. Hemm kien semma kif fil-jiem qabel il-logħba kien hemm xnigħat li *players* setgħu jiġu mitkellma biex jarmu l-logħba fejn issemmew il-*goaler* u Azzopardi. Lejliet il-logħba kienu nġabru f'lukanda fejn saret *talk,* inkluż minnu, lil *players* dwar li kellhom iżommu l-bogħod minn xi korruzzjoni. <u>Kienu **blaffjaw** li kienu ħallsu biex iġibu informazzjoni fuq il-*players* li qed jinxtraw biex jaħsduhom meta fil-fatt informazzjoni ma kellhomx, flus ma tħallsux u kien hemm biss</u>

[23] Fol.276
[24] Fol.206
[25] Fol.277
[26] Fol.259-262
[27] Fol.264
[28] Fol.265
[29] Fol.266

xnigħat, *"Nikkonferma li sa dak il-mument Ian Ciantar qatt ma ssemma u dan ghalkemm ix-xnigħat fuq din il-logħba kienu persistenti".*

Wara t-*talk* Azzopardi qalilhom li dak il-lejl stess kien ġie *approached* iżda ma semmiex minn min; l-għada iżda semmieh. Semma ukoll kif wara li Azzopardi implika lil Ciantar, it-*team manager* u/jew il-President ċemplu lill-istess Ciantar biex ma jitlax għall-logħba.[30] Id-diċċerijji kienu ilhom ġimgħat.[31]

**Simon Agius** spjega li fis-sena 2010 kien *player* attiv mal-club Sliema Wanderers bħala *goalkeeper*. L-aħħar logħba tal-kampjonat kienet importantissima biex jiġi determinat min kien ser jidħol fl-Europa League u din kienet bejn Sliema u Qormi. Ikkonferma kif Ciantar ma kienx qed jilgħab dak l-istaġun.[32] Beda biex jispjega kif sa minn ġimgħa il-logħba l-affarijiet ma bdewx jogħġbuh għaliex *"anke minħabba l-atteġġjament tal-coach, dak iż-żmien minn Mark Marlow kien għadu kif ngħaqad magħna minn Jannar. Ma kienitx l-ewwel darba, anke tul l-istaġun, ġieli jiġi fuqi jgħidli isma ma rridx kummiedji minn naħa tiegħek."*[33] Meta ikkonfrontah hekk kif kienet wasslet din l-aħħar logħba dan qallu li kien tal-ħsieb li *"I would sell the game"* u qallu *"jiena definitely dil-logħba rrid nirbaħha u qalli ġa naf x'għamilt f'logħbiet oħrajn, mela allura mhux ha nittollera kummiedji"*.[34] Sahansitra Marlow semmielu li kien ha €1,000 għal kull *goal* li sofrew s-Sliema ma Qormi. Fl-aħħar ġurnata abbanduna l-iskwadra u għamel rapport l-għassa tal-Qawra fejn l-iskwadra kienet alloġġjata qabel il-logħba ma Qormi.[35]

Sa minn ġimgħa qabel Marlow baqa' jgħid dan id-diskors u t-Tlieta tal-ġimgħa ta' qabel kellhom *technical meeting* fejn raw il-filmat tal-logħba ma Qormi. Meta kienu xi 10pm Marlow qallu li kien hemm il-president tal-club u riedu jkellmuh. Dakinhar huma kienu l-Hotel Meridien u għalhekk kien mar fir-*reception* jistennihom. Hemm ltaqa ma Ian Azzopardi li qallu li d-diriġenti tal-club riedu jkellmuh ukoll. Ikompli jispjega li wara li kellhom *meeting*, il-*coach* kien sostna li *"jaf fċ-ċert ċertu affarijiet li kont se nagħmel kien jaf fiċ-ċert illi jiena kont diġà biegħet din il-logħba partikolari. Kienu jafu ċ-ċifra, x'kont se nieħu ghal din il-logħba partikolari, u tant kienu fiċ-ċert li anke għamlu, ħallsu nies, din importanti, ħallsu nies apposta biex* [recte: *ituhom]l-informazzjoni"*.[36]

Agius spjega li huwa kien tkellem mal-*coach* personali tiegħu għaliex ħassu dispjaċut b'dan l-atteġġjament min-naħa tal-Club. Meta l-*coach* tiegħu tkellem

---

[30] Fol.204
[31] Fol.205
[32] Fol.112-114
[33] Fol.115
[34] Fol.116
[35] Fol.117
[36] Fol.118-120

mal-*coach* tat-tim, dan tal-aħħar baqa' jżomm u jinsisti fuq dak li kien qal lil Agius. Minn hemm, Agius ha deċiżjoni li ma jilgħabx iżda l-*coach* qallu li kellu jilgħab bilfors.[37]

Kompla li fil-lejl qabel il-logħba meta kienu miġbura l-Movina Hotel, waqt l-ikla, il-president Steve Abela u l-PRO Ivan Calleja bdew jgħidu li l-logħba kontra Qormi mhux se tkun l-istess għaliex hemm *players* li ser jittradixxu lit-*team*. Hemm qam argument bejn il-*players* u l-kumitat. Wara l-ikla, spjega li għal ħabta ta' nofs il-lejl, ċempillu l-*coach* Marlow u qallu sabiex jinżel fil-kamra tiegħu. Hemmhekk, Marlow reġa' staqsieh speċifikament u *"qallu nista' nkun naf x'int tħawwad?"*. Kompla jgħidlu *"...bija ma titnejjikx, qalli jien naf fiċ-ċert, qalli ha nilgħabu ma Hal-Qormi, jien minn Hal-Qormi, jien midħla tan-nies ta' Hal-Qormi, nemmen lilhom ma nemminx lilek..."*.[38]

Wara ftit qallu li riedu jkellmuh il-president u l-PRO u għalhekk qallu biex jsegwieh ha jieħdu ħdejhom. Ħarġu mill-lukanda, daħlu f'karozza fejn hemmhekk sab lil president u lil PRO li, għal darb'oħra, bdew jissikkawh u jgħidulu li jafu b'kollox, fis-sens li jafu s-somma li tħallas sabiex tintilef il-logħba. Semmewlu xi nies li kienu ġabu l-informazzjoni mingħandhom. Ix-xhud kompla jispjega li, la darba ra li huma ma bdewx jemmnuh, huwa stedinhom sabiex imorru l-għassa tal-pulizija flimkien u jagħmlu rapport. Madanakollu, il-PRO Ivan Calleja kien wieġbu *"..għandek tfal? Għidtlu Ija. Qalli tħobbhom? Għidtlu ija. Qalli ma naħsibx li tħobbhom qalli għax jekk tmur għand il-pulizija tissogra bil-kbir.."*. X'ħin għadda minn dan kollu, ippakkja ħwejġu w telaq mill-lukanda fejn mar għamel rapport l-għassa tal-pulizija.[39]

<u>*Verżjoni tal-Imputat*</u>

**Fl-istqarrija**[40] tiegħu Ciantar iddikjara li kien ilu jilgħab ma Sliema Wanderers għal madwar 25 sena. Ċaħad li offra elf Lira Maltin lil Ian Azzopardi. Semma l-aħħar darba li kien mar għat-*training* kien propju ġurnata qabel il-logħba, u ċioè fil-31 ta' Mejju 2010. <u>Tibqa' mhux kontestata l-affermazzjoni tiegħu</u> li tul l-istaġun kollu hu ma kienx lagħab <u>*"Ma lagħbnix l-istaġun kollu, żgur li ma kienx ser jagħżilni biex nilgħabu fl-aħħar logħba"*.</u>[41] Ikkonferma li qatt ma ġie avviċinat jew offrut xi flus sabiex ibigħ xi logħba. Lejn l-aħħar tal-istqarrija minn tiegħu jsemmi kif *"nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2010, Ian Azzopardi ċempilli minn fuq numru li kien unknown u qalli li ried ikellimni. Staqsieni fejn kont qiegħed u għedtlu li kont*

[37] Fol.121
[38] Fol.125
[39] Fol.127
[40] **Dok.IC1** a fol.61 et seq
[41] Fol.62

*qed nagħmel delivery Baystreet u qalli biex nistennih għax kien ġej ikellimni. Dan Ian Azzopardi meta ġie qalli li l-kumitat ġiegħluh jgħid hekk jiġifieri li jien avviċinajtu w offrejtlu rigal biex ibigħ il-logħba u kien ser jibqa' jgħid hekk."*[42]

Għall-aħħar logħba it-team inġabar f'lukanda peress li kienet logħba importanti li minnha l-club seta' daħħal disgħin elf ewro kemm il-darba jidħlu fil-League Ewropew. Wara t-*training* marru l-lukanda u l-għada filgħodu ċempel lil kowċ li kien dieħel xogħol. Xi 3.30pm-4:00pm ċempel lil kowċ biex jara kienx sew għalih li minn Naxxar, fejn kien jaħdem, jibqa' sejjer Ta' Qali. Dan qallu li ser ikellmu il-President *"u dan qalli li ma kien hemm għalfejn nitla għal din il-logħba u minn dak inhar l'hawn ma smajt xejn aktar mingħandhom."*[43]

**L-imputat Ian Ciantar,** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u spjega li bejn is-sena 2009 u 2010 huwa kien jilgħab ma' Sliema Wanderers li kien ilu jilgħab magħhom sa minn meta kellu 8 snin. Ta' 35 sena kien wasal fit-tmiem tal-karriera tiegħu. Fl-istaġun bejn is-snin 2009 u 2010 kellu arranġament mal-President Steve Abela li kien ser ikun *Vice Captain* tat-*team* u dan minħabba li kien jilgħab tajjeb. Għalkemm huwa kien lagħab l-ewwel tliet logħbiet, wara ma baqgħux jilgħabuh. Ikompli jgħid li bħala *player*, huwa kien *full-time professional* u kien jithallas b'paga mill-Club, madanakollu l-club kien waqa' b'sitt jew seba' xhur lura fil-ħlas tal-pagi. Avviċina lil President sabiex isir il-ħlas u wara li kien kellmu, ma bediex jiġi magħżul sabiex jilgħab u ma lagħbx logħba oħra.[44] Spjega li meta, wara li spiċċa minn President Robert Arrigo u daħal minfloku Steve Abela, dan kien informa lill-imputat flimkien ma xi *players* oħra, li ried ineħħi kull *player* li kien beda fi zmien Robert Arrigo – inkluż l-imputat nnifsu- sabiex jibda *team* ġdid. Kien fadal hu wara li t-tnejn l-oħra inbiegħu w iehor sar *assistant coach*.[45]

Rigward l-allegazzjoni li saret fuqu, l-imputat spjega li huwa sar jaf biha minn fuq il-media is-Sibt. Dakinhar tal-logħba, huwa kien għamel kuntatt mal-president iżda dan kien tah struzzjonijiet sabiex ma jitlax għall-logħba, xi ħaġa li ddiżapuntatu ħafna peress li kienet l-aħħar logħba. Il-logħba intlagħbet it-Tlieta u *training* kien seħħ is-Sibt u it-Tnejn.[46]

L-imputat jgħid li t-Tlieta ta' wara rċieva telefonata min-numru *'unknown'* mingħand Ian Azzopardi li talab biex jitlaqha miegħu w ltaqgħu. Malli Azzopardi, li kien għadu liebes bl-uniformi tal-Posta, daħal fil-van tiegħu qallu *"Ian jiddispjaċini, vera ġabuni dahri mal-ħajt, qalli u ġegħluni insemmi ismek is-*

[42] Fol.63
[43] Fol.63
[44] Fol.95-96
[45] Fol.96
[46] Fol.97

*Sliema. Qalli minn issa l-quddiem kelma tiegħi kontra kelma tiegħek......Għedtlu int tat-television u hekk? Qalli iva, jiddispjaċini Ian, qalli jiddispjaċini ħafna, qabad u niżilli mill-van. U dak il-ħin ma kontx naf x'se naqbad nagħmel, naf li ċempilt lilek, għedtlek Dott, hekk, hekk u hekk".*[47]

Ciantar jiċħad li huwa kien kellem lil Azzopardi f'xi ħin qabel il-logħba. Fuq dak li xehed Azzopardi, l-imputat stqarr li huwa diffiċli ħafna li fil-*ground* dak il-ħin ma jkun hemm hadd waqt it-*training sessions: "U jekk kien hemm ix-xnigħat, il-club, il-president u n-nies kollha jibdew kulħadd għajnejh fuq il-players. Li impossibbli tkun fil-ground u toqgħod titkellem fuq ċertu affarijiet...ninnega mija fil-mija".*[48]

In kontro-eżami Ciantar jisħaq li Azzopardi għamel li għamel jew għaliex beża mit-theddid tal-club wara l-incident li Simon Agius, *goalkeeper*, kellu fil-lejl li kienu l-hotel, jew ried jintgħoġob mal-club peress li kien għad għandu 25 sena filwaqt li hu kien lejn tmiem il-karriera ta 34 sena jew għaliex il-club ried jeħles minnu peress li kien qed jithallas bħala *full-time professional* meta l-club kellu problemi fuq ħlasijiet.[49]

L-imputat tassew jagħmel osservazzjoni sinifikanti meta jsemmi **li kieku kien tassew minnu li hu avviċina lil Azzopardi meta marru għat-*training* fil-jum tas-Sibt jew tat-Tnejn, dan kellu jagħmel rapport mill-ewwel.**[50]

Ikkunsidrat ukoll,

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha fuq ir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti ma setgħetx ma tikkunsidrax il-fatt li filwaqt li l-imputat jiddeskrivi din l-allegazzjoni bħala waħda invertijiera għal kollox, li għaddietu minn trawma fejn per konsegwenza jistħi jmur Tas-Sliema u iżjed minn hekk waslet għar-rovina tal-karriera kalċistika tiegħu, ma ttieħdu l-ebda passi la ċivili jew kriminali għal kalunnja fil-konfront ta' Azzopardi.

Hu minnu li r-rakkont ta' Azzopardi fil-ġeneralita tiegħu baqa dejjem wieħed konsistenti u ċioe li Ciantar offrielu l-flus li hu rrifjuta. L-istess dwar il-fatt li kien hu li talab sabiex jiltaqa' ma Ciantar wara li sar ir-rapport. Hawnhekk ukoll il-Qorti tinnota li kieku Azzopardi ried iżejjen l-istorja, kien iżid dettalji bħal għal min Ciantar kien qed jagħmilha ta' intermedjarju iżda minflok jibqa' jtenni li hu basar li kien biex ibiegħ il-logħba ma Qormi fejn Ciantar qatt ma żvela

[47] Fol.99
[48] Fol.103
[49] Fol.109
[50] Fol.106

miegħu min kien qed joffrielu l-elf Lira Maltin. Anke dwar id-denominazzjoni tal-flus, Azzopardi jixhed li Ciantar offrielu elf Lira Maltin u dan meta Malta kienet ilha li qalbet għall-munita Ewro minn sentejn qabel. Xejn ma żammu milli jaghti figura f' Ewro li kieku ried jagħti aktar kulur lir-rakkont tiegħu.

Kollox jindika li filwaqt li Azzopardi kien lest jikxef lill-imputat mad-diriġenti tal-Club, u dan sabiex ma jitlifx postu minn mal-iskwadra, żamm pass lura hekk kif ir-rapport mal-Club evolva għar-rapport mal-Pulizija. Riluttanza li wrieha sa min meta, lejliet il-logħba x'ħin kien il-lukanda Movina, informa lil *Coach* kif ukoll lid-diriġenti li ġie mitkellem minn persuna mingħajr ma semmieh b'ismu.

Madanakollu, il-Qorti hi rinfaċċjata ukoll b'numru ta' inkonsistenzi fix-xiehda ta' Azzopardi, biex ma jingħad xejn dwar il-mod dillettantesk kif dak iż-żmien il-Club kien qed jirrispondi għal xnigħat ta' korruzzjoni tal-*players* tiegħu billi, kif jammetti Ivan Calleja, id-diriġenti kienu qablu li mal-*players* jużaw ***"gimmick biex nippruvaw nistaduhom"***[51] u ***"Aħna ibblaffjajna u tajnihom l-impressjoni li kellna provi biex nistaduhom biex jekk kien hemm xi hadd jitkellem".***[52]

Aktar gravi minn hekk, xejn ma baqgħu lura milli jwasslu theddid gravi u jixxalaw intimidazzjoni lampanti lejn *player* ieħor, Simon Agius. L-attitudni tal-Club, jew aħjar tad-diriġenti tagħha u senjatament Ivan Calleja, ftit jgħinu lil Qorti sabiex twarrab il-ħsieb tagħha li tassew Ciantar irreaġixxa għal dak li qallu Azzopardi li l-istorja ta' tentattiv ta' tixħim kienet *"logħba"* da parti mill-Club!

U ġaladarba l-Club kien **lest jhedded, jibblaffja u joħloq fabbrikazzjoni sħiħa** billi jattribwixxi gratwitament karattru kriminali għall-aħħar lil diversi individwi, tnejn minnhom involuti fl-MFA ("Il-Lullu" u "l-Ħajta") ,[53] mhux ħaġa kbira li l-istess Club immanuvra jew minn tal-inqas wassal sabiex iġib lil Azzopardi dahru mal-ħajt u sabiex issalva postu ma-Club wasslu sabiex isir din l-allegazzjoni.

Dawn il-ħsibijiet tal-Qorti jevolvu minn spekulazzjonijiet imwielda mill-inkonsistenzi fix-xiehda primarjament ta' Azzopardi innifsu kif ukoll, kif jirrizulta mill-atti, minn nuqqas ta' affidabbiltà w serjetà ta' wħud mid-diriġenti tal-Club ta' dak iż-żmien, għal dubbji fondati fuq il-mertu tal-imputazzjoni addebitata lil Ciantar kif ser jiġi rimarkat.

---

51 Fol.192
52 Ibid
53 Malta Football Association

Il-Qorti għalhekk qed telenka l-konsiderazzjonijiet tagħha li sawru id-dubbji appena msemmija:

1. Azzopardi jixhed li kien ġie mitkellem minn Ciantar *"Jumejn qabel il-logħba"*[54] li ntlagħbet it-tlieta 1 ta' Ġunju, 2010, waqt li kienu ħarġu għall-*training* meta fil-*ground* kienu hu w Ciantar biss; dettal li ftit li xejn jagħmel sens tenut kont li t-team kollu flimkien mal-*coach* kienu qed jippartecipaw għall-allenamenti, *"fil-ground jiena u hu biss konna"*.[55] Wara kollox *team* jitħarreġ bħala korp wieħed u mhux *players* għal rashom.

2. Ftit jagħmel sens li Ciantar għażel li jkellem lil Azzopardi fl-apert f'nofs *training* ground, bit-team u diriġenti magħhom, biex jixtrih. Żgur li kieku ried iżomm ħaġa bħal din mistura, specjalme4nt tenut kont ix-xnigħat persistenti li kienu qed jiċċirkolaw magħdud mal-fatt li l-*players* meta kienu l-Meridien kienu lkoll ġew mwissija dwar l-istess xnigħat, ma kienx ser jagħżel jieħu riskju hekk kbir fejn Azzopardi fid-daqqa u l-ħin, kif wara kollox kien obbligat li jagħmel, seta jirraportah minnufih.

3. In kontro eżami Azzopardi semma kif id-diskors biex "jinxtara" sar xi <u>jumejn qabel il-logħba</u>, u kkonferma li d-diriġenti tal-club, wara li ġimgħa qabel il-logħba wissew lill-*players* kollha li setgħa kien hemm wħud li ġew avviċinati biex jinxtraw, iżda jiċħad li fuqu kien hemm suspett u li ġie rinfaċċjat b'akkuza li nxtara *"Le ma kienux qaluli hekk żgur"*.[56] Anzi li qallu l-President kien *"wegħdni illi kif tiġi avviċinat, qis li tgħidli u għidtlu 'allright'.....dik il-ġimgħa kien qalli li għandna suspetti li hawn xi players qed ikunu avviċinati, qalli ismek qed jissemma'. Jekk inċempillek [sic] għejdli kif fil-fatt ġara."*.[57]

4. Abela ġie mfakkar f'dak li xehed quddiem il-*Board* tal-MFA fejn kien spjega li lejliet il-logħba kienet saret laqgħa ghal-*players* mill-*coach* u <u>wara dik il-laqgħa</u> kienu kellmu lil Azzopardi waħdu ***"staqsejna jekk ghal dik il-logħba ...kienx ġie avviċinat minn xi individwu jew mill-club. Hu qal li ma kienx hekk ġie avviċinat"***.[58]

5. Il-Qorti tistaqsi **ghal x'hiex Azzopardi għażel li jistenna jumejn** (fi kliemu ġaladarba ġie mitkellem jumejn qabel il-logħba[59])biex jirrapporta lil Ciantar meta sa ġimgħa qabel kien diġà mgħarraf bis-suspetti li l-club

[54] Fol.17. Vide ukoll Dikjarazzjoni ta' Azzopardi a fol.89
[55] Fol.15
[56] Fol.17
[57] Fol.17
[58] Fol.273
[59] Fol.17

kellhom dwaru meta akkostawh fil-*lobby* tal-lukanda Meridien? L-obbligi tiegħu kien jafhom iżda għażel li jżomm is-skiet.

Ma kienux *close* hu w Ciantar u għalhekk ma kienx hemm raġuni li ma jsemmiehx mill-ewwel. Lanqas ma kien hemm raġuni għaliex jagħżel jispjega ruħu miegħu. Iżjed u iżjed ma kellux għalfejn jitlob jiltaqa' ma Ciantar għal xi forma ta sodisfazzjon ġaladarba il-każ kien ġa f'idejn il-Pulizija!!

6. Għal diversi drabi Azzopardi jiddikjara li Ciantar ipprova jixtrih iżda jammetti li din kienet **l-assunzjoni tiegħu għaliex fil-verità Ciantar "Le ma qalli xejn".**[60] Jispjega li wasal għal tali konklużjoni minħabba d-diskors li kien sar mill-president tal-club ġimgħa qabel.

7. Azzopardi jixhed li ċempel u ltaqa' ma Ciantar dakinhar stess li sar ir-rapport mal-Pulizija *"Dakinhar stess cempiltlu"*[61] liema rapport iġib id-data tal-4 ta' Ġunju, 2010. Iżda kif anke jikkonferma l-Ispettur Curmi, Ciantar irrapporta mal-pulizija li kien fit-8 ta' Ġunju, ġimgħa wara l-logħba, li sar kuntatt miegħu minn Azopardi. Iltaqgħu Baystreet fejn Ciantar kien qed jagħmel *deliveries* u skond Ciantar, Azzopardi qallu li kien ġie sfurzat mill-kumitat jagħmel ir-rapport mal-pulizija. Curmi jikkonferma li Azzopardi qal li ried jiltaqa' ma Ciantar biex jgħidlu li ġie mġiegħel jagħmel ir-rapport kontrih.

Skond Azzopardi għamel dan għaliex "*bdew jgħidulu li kienu ċerti li jiena kont għidt iva mentri jiena għidt le mill-ewwel u kont mort niċċara l-affarijiet miegħu. Għedtlu 'taf li jien għedtlek le u s-Sliema huma ċerti għedtlek iva', qalli '**din xi logħba mill-kumitat tas-Sliema**'*".[62]

8. Iqumu dubbji dwar dak li Azzopardi ħass li kellu jiċċara ma Ciantar ġaladarba kien ġa sar rapport dwaru mhux biss mal-Club iżda anke mal-Pulizija. Dan ma kienx xi każ fejn kien intlaħaq xi ftehim bejniethom u b'hekk ġie krejati il-bżonn li jaqblu fil-verżjonijiet. Anke jekk għal grazzja tal-argument tassew Ciantar offra l-flus lil Azzopardi, l-istess Azzopardi qatt ma seta raġonevolment jippretendi li dan kien lest jiddefendi lil min kixfu filwaqt li jinkrimina lilu nnifsu! Kif ippretenda li Ciantar ikun ta' għajnuna għalih, aktar u aktar wara li kixfu??? Tant hu hekk li Azzopardi jibqa' ma jgħid xejn dwar x'azzjoni ppretenda li kellha tittieħed minn Ciantar.

---

[60] Fol.14
[61] Fol.15
[62] Fol.83-84

9. Riprodott in eżami jsemmi li ltaqa ma Ciantar sabiex *"għedtlu għadhom kif għamlu rapport lil pulizija. Għidtlu tista' tgħidli lili kif jiena, meta kellimtni jien għedtlek ma rridx, u jien spiċċajt ġie l-President u qalli li aċċettajt li ninxtara"* iżda **Ciantar ma bediex jirrispondih**.[63]

Verżjoni oħra dwar dak li suppost qallu Ciantar meta ltaqgħu Baystreet fuq talba tal-istess Azzopardi, liema verżjoni ingħatat wara li x xhud ġie pressat mill-avukat difensur dwar x'kien semma meta xehed quddiem il-*Board* tal-MFA, issa jgħid li Ciantar ***"beda jgħidli li ma kienx se jametti".***[64]

Ikkonfrontat bil-fatt li preċedentement quddiem il-Qorti kien stqarr li Ciantar kien qallu li din kienet "xi logħba" mill-Club iwieġeb *"jista' jkun, ehe qalili wkoll ehe. Le mhux se ninnega jista' jkun li qallieli, imma għadda ħafna żmien ma niftakarx eżatt".*[65]

10. Abela jsostni li għalkemm talab lil Azzopardi jmur miegħu d-depot sabiex jiddaħħal rapport, dan ma aċċettax,[66] Calleja jgħid <u>mod iehor</u>. [67]

11. L-inaffidabilità tax-xhud Calleja temana mill-fatt li ma' player tiegħu stess għażel iżeffen fin-nofs terzi gratwitament bil-ħsieb li jwerwer propju kollega fuq it-*team*, li tiegħu kellu rwol rappreżentattiv bħala *Public Relations Officer*. Indubbjament b' *public relations* ibbażati fuq theddid u gideb ma dawk ta' ġewwa, il-Qorti ftit tista' tagħti kredibbilità lil persuna issa li qed tixhed kontra persuna li ma baqgħetx fit-*team*!

Lil Agius qallu *"..ħallasna seba minn nies...kollha ssemulna ismek, top of the list"* u meta urieh li ried imur għand il-Pulizija bl-allegazzjoni li kienet għada kemm saret fil-konfront tiegħu, Calleja irrisponda ***"dawn mhux affarijiet tal-Pulizija...mela inti ma tifhimx, ma ghadikx familja?.....Ma ghandekx mara u tfal....Thobbhom? Għax jekk imorru għand il-Pulizija ma tħobbhomx....Mur irraportahom u tara x'jiġri wara!"***[68]

[63] Fol.83-84
[64] Fol.85
[65] Ibid.
[66] Fol.47
[67] Fol.205
[68] Fol.187

Ivan Calleja lil Simon Agius sahansitra wissieh ***"..għandek tfal? Għidtlu Ija. Qalli tħobbhom? Għidtlu ija. Qalli ma naħsibx li tħobbhom qalli għax jekk tmur għand il-pulizija tissogra bil-kbir..".***[69]
Isemmi bħala nies ta' qattagħni li ma jiddejqu xejn jużaw vjolenza fuq mart w ulied Agius, lil ċertu personaġġi li jsemmi bil-laqam tagħhom, "il-Lullu", , "it-Tetu", "il-Ħajta".[70]

14. Nuqqas ta' affidabbiltà tiġi attribwita ukoll lil *coach* ta' dak iż-żmien Marlow. Mitlub jikkummenta għal x'hiex kien jirreferi meta lil Agius qallu li ma riedx "kummiedji" spjega li jekk ingħad dak *"il-kliem kien biss biex jikkonċentra fuq il-logħba".*[71]

Kompla jgħidlu *"...bija ma titnejjikx, qalli jien naf fiċ-ċert, qalli ha nilgħabu ma Hal-Qormi, jien minn Hal-Qormi, jien midħla tan-nies ta' Hal-Qormi, nemmen lilhom ma nemminx lilek...".*[72]

12. Kuntrarjament ghal Azzopardi, li għażel iżomm is-silenzju sa dakinhar tal-logħba meta żvela isem Ciantar, malli Ciantar ġie a konoxxenza tal-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu wara li ġie mitkellem Baystreet minn Azzopardi, **dlonk ċempel lid-difensur tiegħu w irrikorra minn jeddu id-depot ikellem lill-Ispettur Curmi** li kien għadu qed jiġbor informazzjoni w b'hekk dakinhar ma ttieħdietlux stqarrija.[73]

13. Filwaqt li xiehda oħra huma ekonomiċi fid-dettalji f'testimonjanzi li ngħataw kemm f'dan l-istess proċess kif ukoll quddiem il-Board ta' Dixxiplina tal-MFA, l-imputat hu kapaċi, minkejja t-trapass ta zmien, joffri dettalji li kull min għadda minn xi ġrajja trawmatika, jibqa' jiftakar ghal tul ta' żmien jekk mhux għall-għomru.

Ciantar fil-fatt jgħid li t-Tlieta ta' wara l-logħba (jiġifieri wara ġimgħa li ntlagħbet il-logħba), rċieva telefonata min-numru *'unknown'* mingħand Ian Azzopardi li talab biex jitlaqha miegħu w ltaqgħu. Malli Azzopardi, li kien għadu <u>liebes bl-uniformi tal-Posta</u>, daħal fil-van tiegħu qallu "*Ian jiddispjaċini, vera ġabuni dahri mal-ħajt, qalli u ġegħluni insemmi ismek is-Sliema. Qalli minn issa l-quddiem kelma tiegħi kontra kelma tiegħek......Għedtlu int tat-television u hekk? Qalli iva, jiddispjaċini Ian, qalli jiddispjaċini ħafna,*

[69] Fol.126-127
[70] Fol.187
[71] Fol.267
[72] Fol.125
[73] Fol.98

*qabad u niżilli mill-van. U dak il-ħin ma kontx naf x'se naqbad nagħmel, naf li ċempilt lilek, għedtlek Dott, hekk, hekk u hekk".*[74]

Fil-fatt it-tlieta ta wara, meta l-logħba ntlagħbet it-Tlieta 1 ta' Ġunju, 2010, ħabat it-tmienja (8) ta' Ġunju, 2010 propju kif jissemma mill-Ispettur Curmi.[75]

L-uniku kliem li l-Qorti lesta temmen li qal Azzopardi kien li l-imputat kien ħallieh bil-kliem li din kienet *"xi logħba"* da parti tal-Club! Il-Qorti lesta temmen li tassew intqal diskors f'dan is-sens għaliex Ciantar emmen li hu, possibbilment anke Azzopardi, kien qed jiġi milgħub, bil-karriera u reputazzjoni b'kollox. Forsi xi *"gimmick"* oħra bħal ma Calleja jsemmi li saru mill-Club!

14. L-Ispettur Curmi jagħmel osservazzjoni ferm importanti u ċioe li wara li **Azzopardi ma marx mill-ewwel jirrapporta dan lil Kumitat iżda nforma lil kumitat bl-allegazzjoni wara li ġie mitkellem mill-kumitat,** *"Irrapporta biss meta ġie avviċinat mill-membri tal-kumitat għax kien hemm rumour li hemm xi possibilità ta' bribery".*[76]

15. Hu rilevanti ukoll, in kwantu għad-*demeanour* ta' min għandu x'jaħbi kuntrarjament għal min ma għandu l-ebda preokkupazzjoni simili, dak li xehed Calleja. Dan semma kif wara li lejliet il-logħba kienet saret it-*team talk,* ltaqa' ma Ciantar li *tefgħa botta biċ-ċajt li Alla ħares ikun jaf minn hu dan jew inkella qalli xi ħaġa bis-sens li 'mnalla mhux qed nilgab"* u wara l-*players* marru jieklu.[77] Wara l-ikla sar jaf li kien hemm xi *players* li riedu jkellmuhom.

Meta tkellmu ma Azzopardi kien eċċitat filwaqt li Ciantar tkellem b'mod ċajtier.[78]

16. Għalkemm Azzopardi jibqa' jsostni li talab jiltaqa' ma Ciantar biex jiċċara l-affarijiet peress li l-Club ma kienx qed jemmen li hu rrifjuta li jixxaħħam, minn imkien ma jirriżulta dan anzi **jirriżulta l-oppost**. Tant twemmen u mill-ewwel li ftit mumenti wara li żvela isem Ciantar, Marlow ċempel lill-imputat hu qallu biex ma jitlax għall-logħba! Għaldaqstant din id-dikjarazzjoni ta' Azzopardi tiġi kontradetta minn dak li xehdu id-diriġenti tat-*team.*

---

[74] Fol.99
[75] Fol.55
[76] Fol.56
[77] Fol.191-192
[78] Fol.193

In konklużjoni, jirriżulta minn kliem Azzopardi li għalkemm sa minn ġimgħa minn qabel il-logħba il-*players* kienu mwissija dwar xnigħat li seta kien hemm fosthom min kien ġie avviċinat ibiegħ il-logħob, jibqa' l-fatt li Azzopardi ma marx jirrapporta mill-ewwel dak li suppost seħħ fit-*training ground.* Minflok għażel li jkellem lil *coach* wara t-training u meta kellmu aktar tard filgħaxija, dan baqa ma semmiehx, l-istess kif għamel ma Steve Abela u Ivan Calleja. Kellu jgħaddi lejl biex tahom isem Ciantar.[79]

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti temmen li dan l-atteġġjament da parti ta' nies li kellhom ir-responsabiltà jmexxu *team* bħal dak ta' Sliema, b'mod integru w serju, naqqru dik is-serenità li kull *player* hu mistenni li jsib biex jagħti l-almu tiegħu lill-Club. Mhux talli hekk, talli bit-theddid, *"bluff"* u *"gimmicks"*[80] li adoperaw ma sħabhom il-*players,* ħolqu atmosfera fejn biex wieħed isalva postu faċilment seta jabbokka s-sunnara li biha jammettu li ppruvaw jistgħadu l-*players* tagħhom. B'hekk ma jistax tiġi injorata t-teżi difensjonali tal-imputat li l-allegazzjoni li saret minn Azzopardi ġiet xprunata minn biża li seta' jitlef post talvolta li kien diġà taħt il-lenti tal-Club bis-suspetti li kien hemm dwaru.

Per konsegwenza l-Qorti ma tqisx li tista' tistrieħ sal-grad taċ-ċertezza morali fuq ix-xiehda ta' Azzopardi, li hu l-unika prova li nġabet mill-prosekuzzjoni biex tagħmel il-każ tagħha kontra l-imputat.

Għar-raġunijiet mogħtija qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

Tenut kont tal-persuni li ssemmew bil-laqam tagħhom minn Ivan Calleja, fejn intqal li wħud għandhom rabtiet mal-MFA, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lil Malta Football Association ghal kwalunkwe azzjoni li jidrilha xierqa.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

---

[79] Fol.277-278
[80] Fol.192